

II

(Komunikazzjonijiet)

KOMUNIKAZZJONIJIET MINN ISTITUZZJONIJIET, KORPI, UFFIĊĊJI U
AĠENZIJI TAL-UNJONI EWROPEA

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-kwantità mhux mitluba li għandha tiżdied mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Marzu 2013 fil-kuntest ta' ċerti kwoti miftuħa mill-Unjoni għall-prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal

(2012/C 346/01)

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 442/2009 ⁽¹⁾ fetax kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti fis-settur tal-laħam tal-majjal. L-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-importazzjoni li tressqu matul l-ewwel sebat ijiem tax-xahar ta' Settembru 2012 għas-subperjodu mill-1 ta' Ottubru sal-31 ta' Diċembru 2012, għall-kwoti 09.4038, 09.4170 u 09.4204, ikopru kwantitajiet iżgħar minn dawk disponibbli. F'konformità mal-Artikolu 7(4) it-tieni frażi, tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 ⁽²⁾, il-kwantitajiet li għalihom ma sarux talbiet, huma miżjuda mal-kwantità stabbilita għas-subperjodu tal-kwoti ta' wara, mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Marzu 2013, u jidhru fl-Anness għal din il-Komunikazzjoni.

⁽¹⁾ ĠU L 129, 28.5.2009, p. 13.

⁽²⁾ ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

ANNEX

Nru tal-ordni tal-kwota	Kwantitajiet mhux mitluba li għandhom jiżdiedu mal-kwantità stipulata għas-subperjodu mill-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Marzu 2013 (t'kg)
09.4038	16 768 108
09.4170	2 361 000
09.4204	2 312 000